SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

28 ta' Jannar 2016*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE — Libertà ta' stabbiliment — Libertà li jiġu provduti servizzi — Logħob tal-ażżard — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li kienet iddikjarat inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni l-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-liċenzji għall-attività ta' ġbir ta' mħatri — Riorganizzazzjoni tas-sistema permezz ta' sejħa għal offerti ġdida — Trasferiment bla ħlas tal-użu ta' beni materjali u immaterjali miżmuma taħt titolu ta' proprjetà u li jikkostitwixxu n-netwerk ta' ġestjoni u ta' ġbir tal-imħatri — Restrizzjoni — Raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali — Proporzjonalità"

Fil-Kawża C-375/14,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunale di Frosinone (qorti ta' Frosinone, l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tad-9 ta' Lulju 2014, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-6 ta' Awwissu 2014, fil-proċeduri kriminali kontra

**Rosanna Laezza,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn M. Ilešič, President tat-Tieni Awla, li qed jaġixxi bħala President tat-Tielet Awla, A. Arabadjiev, C. Toader (Relatur), E. Jarašiūnas u C. G. Fernlund, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Wahl,

Reġistratur: V. Giacobbo-Peyronnel, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-17 ta' Settembru 2015,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal R. Laezza, minn D. Agnello, R. Jacchia, A. Terranova, F. Ferraro u M. Mura, avukati,

— għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri u P. Marrone, bħala aġenti, assistiti minn S. Fiorentino, avvocato dello Stato,

— għall-Gvern Belġjan, minn J. Van Holm, L. Van den Broeck u M. Jacobs, bħala aġenti, assistiti minn P. Vlaemminck, B. Van Vooren u R. Verbeke, avukati,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn E. Montaguti u H. Tserepa-Lacombe, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2015,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mressqa kontra R. Laezza minħabba ksur tal-leġiżlazzjoni Taljana li tirregola l-ġbir tal-imħatri.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt Taljan*

3 L-Artikolu 10(9g) u (9h) tad-Digriet-liġi Nru 16, li jipprevedi dispożizzjonijiet urġenti fil-qasam ta' semplifikazzjoni fiskali, ta' titjib tal-effiċjenza u ta' tisħiħ tal-proċeduri ta' kontroll (decreto-legge – Disposizioni urgenti in materia di semplificazioni tributarie, di efficientamento e potenziamento delle procedure di accertamento), tat-2 ta' Marzu 2012 (GURI Nru 52, tat-2 ta' Marzu 2012), mibdul, wara li sarulu emendi, fil-Liġi Nru 44, tas-26 ta' April 2012 (suppliment ordinarju tal-GURI Nru 99, tat-28 ta' April 2012, iktar 'il quddiem id-"digriet-liġi tal-2012"), jipprevedi:

"9g Fil-kuntest ta' riorganizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-logħob pubbliku, inklużi dawk fil-qasam tal-imħatri fuq avvenimenti sportivi, inklużi t-tiġrijiet taż-żwiemel, u mhux sportivi, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu huma intiżi li jiffavorixxu l-imsemmija riorganizzazzjoni, permezz ta' allinjament temporali inizjali tal-iskadenzi tal-liċenzji li jkopru l-ġbir tal-imħatri inkwistjoni, filwaqt li jitħares ir-rekwiżit ta' aġġustament tar-regoli nazzjonali ta' selezzjoni tal-persuni li, f'isem l-Istat, jiġbru l-imħatri fuq avvenimenti sportivi, inklużi t-tiġrijiet taż-żwiemel, u mhux sportivi, għall-prinċipji li joħorġu mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, tas-16 ta' Frar 2012, fil-Kawżi [Costa u Cifone (C 72/10 u C 77/10, EU:C:2012:80)]. Għal dan il-għan, fid-dawl tal-iskadenza li jmiss ta' grupp ta' liċenzji għall-ġbir tal-imsemmija mħatri, l-amministrazzjoni awtonoma tal-monopolji tal-Istat [(li sussegwentement saret l-aġenzija tad-dwana u tal-monopolji - Agenzia delle dogane e dei Monopoli, iktar 'il quddiem l-'ADM')] għandha torganizza immedjatament u, fi kwalunkwe każ, sa mhux iktar tard mill-31 ta' Lulju 2012, sejħa għal offerti għas-selezzjoni tal-persuni li jiġbru l-imsemmija mħatri b'osservanza, minn tal-inqas, tal-kriterji segwenti:

a) possibbiltà ta' parteċipazzjoni għall-persuni li diġà jeżerċitaw attività ta' ġbir ta' mħatri f'wieħed mill-Istati taż-Żona Ekonomika Ewropea, fejn ikollhom is-sede legali u operattiva tagħhom, fuq il-bażi ta' awtorizzazzjoni valida u effettiva maħruġa skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fl-ordinament ġuridiku tal-imsemmi Stat u li jkollhom ukoll il-kwalitajiet ta' onorabbiltà u ta' affidabbiltà kif ukoll il-kwalitajiet ekonomiċi u patrimonjali indikati mill-[ADM], b'teħid inkunsiderazzjoni tad-dispożizzjonijiet f'dan il-qasam imsemmija fil-Liġi Nru 220, [li tipprevedi dispożizzjonijiet għat-tħejija tal-baġit annwali u multiannwali tal-Istat (liġi ta' stabbiltà 2011) [legge n. 220 — Disposizioni per la formazione del bilancio annuale e pluriennale dello Stato (legge di stabilità 2011)], tat-13 ta' Diċembru 2010 (Suppliment ordinarju fil-GURI Nru 297, tal-21 ta' Diċembru 2010), kif emendata bil-Liġi Nru 111, tal-15 ta' Lulju 2011 (iktar 'il quddiem il-'liġi ta' stabbiltà 2011')], u bid-Digriet-Liġi Nru 98, tas-6 ta' Lulju 2011, mibdul f'liġi, b'emendi, bil-Liġi Nru 111, tal-15 ta' Lulju 2011;

b) għoti ta' liċenzji, validi sat-30 ta' Ġunju 2016, għall-ġbir, esklużivament f'netwerk fiżiku, ta' mħatri fuq avvenimenti sportivi, inklużi t-tiġrijiet taż-żwiemel, u mhux sportivi, fi ħdan aġenziji, sa massimu ta' 2 000, li jkollhom bħala attività esklużiva l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti ta' logħob pubbliku, mingħajr limitazzjoni fir-rigward tad-distanzi minimi bejn dawn l-aġenziji jew fir-rigward ta' postijiet oħra ta' ġbir, li huma diġà attivi, ta' mħatri identiċi;

c) previżjoni, bħala parti mill-prezz, ta’ valur bażiku tal-kuntratt ta’ EUR 11 000 għal kull aġenzija;

d) konklużjoni ta’ kuntratt ta’ liċenzja li l-kontenut tiegħu jkun konformi ma’ kull prinċipju ieħor stabbilit fis-sentenza ċċitata iktar ’il fuq tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tas-16 ta’ Frar 2012, kif ukoll mad-dispożizzjonijiet nazzjonali kompatibbli fis-seħħ fil-qasam tal-logħob pubbliku;

e) possibbiltà li l-aġenziji jiġu operati fi kwalunkwe komun jew provinċja, mingħajr limiti numeriċi fuq bażi territorjali u mingħajr kundizzjonijiet favorevoli għad-detenturi ta’ liċenzja diġà awtorizzati sabiex jiġbru mħatri identiċi jew li jistgħu, fi kwalunkwe każ, ikunu favorevoli għal dawn tal-aħħar;

f) stabbiliment ta’ garanziji koerenti mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 24 tad-Digriet-Liġi Nru 98, tas-6 ta’ Lulju 2011, mibdul f’liġi, b’emendi, bil-Liġi Nru 111, tal-15 ta’ Lulju 2011.

9h Id-detenturi ta’ liċenzja għall-ġbir tal-imħatri msemmija fil-paragrafu 9g, li l-liċenzja tagħhom tiskadi fit-30 ta’ Ġunju 2012, għandhom ikomplu jeżerċitaw l-attivitajiet ta’ ġbir tagħhom sad-data tal-konklużjoni tal-kuntratti ta’ liċenzja mogħtija skont il-paragrafu ċċitat.”

4 Abbażi tad-dispożizzjonijiet iċċitati iktar ’il fuq tad-digriet-liġi tal-2012, ingħataw liċenzji għal perijodu ta’ 40 xahar, filwaqt li l-liċenzji mogħtija qabel kienu għal perijodu ta’ bejn disa’ u tnax-il sena.

5 Skont l-Artikolu 1(77) tal-liġi ta’ stabbiltà 2011:

“Sabiex jiżgura bilanċ korrett bejn l-interessi pubbliċi u privati fil-kuntest tal-organizzazzjoni u tal-ġestjoni tal-logħob pubbliku, fid-dawl tal-monopolju tal-Istat fir-rigward tal-logħob [...] kif ukoll tal-prinċipji, anki tal-Unjoni Ewropea, dwar is-selezzjoni kompetittiva, li japplikaw f’dan is-settur, u billi jikkontribwixxi wkoll għall-konsolidazzjoni tal-bażijiet ta’ effiċjenza u ta’ effikaċja aħjar tal-azzjoni ta’ ġlieda kontra t-tixrid tal-logħob irregolari jew illegali fl-Italja, tal-protezzjoni tal-konsumaturi, partikolarment tal-minuri, tal-ordni pubbliku, tal-ġlieda kontra l-logħob tal-minuri u l-infiltrazzjonijiet tal-kriminalità organizzata fis-settur tal-logħob [...], [l-ADM] għandha taġġorna bla dewmien il-mudell ta’ ftehim li jagħti aċċess għal-liċenzji għall-eżerċizzju u għall-ġbir ta’ mħatri pubbliċi, iżda mhux mill-bogħod, jew, fi kwalunkwe każ permezz ta’ netwerk fiżiku.”

6 Skont l-Artikolu 1(78)(b)(26) tal-liġi ta’ stabbiltà 2011, il-kuntratt ta’ liċenzja għandu obbligatorjament jinkludi klawżola li tipprevedi t-“trasferiment mingħajr ħlas jew [i]t-trasferiment tan-netwerk infrastrutturali ta’ ġestjoni u ta’ ġbir tal-imħatri lill-[ADM] fil-mument tal-iskadenza tat-tul ta’ żmien tal-liċenzja, esklużivament fuq talba minn qabel ta’ din tal-aħħar, ikkomunikata tal-inqas sitt xhur qabel din l-iskadenza, jew ikkomunikata meta tingħata d-deċiżjoni ta’ revoka jew ta’ skadenza tal-liċenzja.”

7 L-abbozz ta’ ftehim ta’ liċenzja, mehmuż mas-sejħa għal offerti mnedija matul is-sena 2012 (iktar ’il quddiem l-“abbozz ta’ ftehim”), jistabbilixxi l-kawżi ta’ revoka u ta’ skadenza tal-liċenzji.

8 Għaldaqstant, skont l-Artikolu 23(2)(a), (e) u (k) tal-abbozz ta’ ftehim, ir-revoka jew l-iskadenza jistgħu jseħħu, b’mod partikolari, fil-każ ta’ rinviju quddiem qorti għal ksur li l-ADM tqis li jkunu tali li jagħtu prova tan-nuqqas ta’ affidabbiltà, ta’ professjonalità u ta’ kwalitajiet morali meħtieġa tad-detentur ta’ liċenzja; fil-każ ta’ organizzazzjoni, ta’ eżerċizzju u ta’ ġbir ta’ logħob pubbliku skont modalitajiet u tekniki differenti minn dawk previsti mid-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u kuntrattwali fis-seħħ, u fil-każ ta’ ksur, ikkonstatat mill-korpi kompetenti, tal-leġiżlazzjoni dwar is-soppressjoni tal-imħatri u tal-logħob.

9 L-Artikolu 25 tal-abbozz ta' ftehim jipprevedi:

"1. Fuq talba espressa tal-ADM u għall-perijodu li huwa stabbilit fiha, id-detentur ta' liċenzja għandu jimpenja ruħu li jittrasferixxi mingħajr ħlas, meta tieqaf l-attività minħabba l-iskadenza tat-tul ta' żmien tal-liċenzja jew minħabba l-effett ta' deċiżjonijiet ta' dekadenza jew ta' revoka, lill-ADM jew lil detentur ta' liċenzja ieħor magħżul minnha wara proċedura ta' kompetizzjoni, l-użu tal-beni materjali u immaterjali miżmumin taħt titolu ta' proprjetà u li jikkostitwixxu n-netwerk ta' ġestjoni u ta' ġbir tal-imħatri, ħielsa minn drittijiet u pretensjonijiet ta' terzi, skont il-modalitajiet iffissati fil-paragrafi li ġejjin.

2. Il-beni li huma s-suġġett tat-trasferiment għandhom jiġu indikati fl-inventarju u fl-emendi ulterjuri tiegħu, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(1)(e).

3. L-operazzjonijiet ta' trasferiment – li għandhom iseħħu skont proċedura kontradittorja bejn l-ADM u d-detentur ta' liċenzja, inkluż ir-redazzjoni ta' minuti stabbiliti għal dan l-iskop – għandhom jibdew matul is-semestru ta' qabel l-iskadenza tal-ftehim, b'osservanza tar-rekwiżit li ma jitpoġġiex fil-perikolu, anki matul dan il-perijodu, il-funzjonament tas-sistema, peress li l-beni għandhom jiġu ttrasferiti lill-ADM f'kundizzjonijiet li jippermettu li tiġi ggarantita l-kontinwità tal-funzjonament tan-netwerk elettroniku. L-ispejjeż tat-trasferiment materjali eventwali tal-apparat, tat-tagħmir u ta' kull element ieħor li jikkomponi n-netwerk elettroniku għandhom jiġu sostnuti mid-detentur ta' liċenzja.

[...]"

**Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

10 Stanley International Betting Ltd, kumpannija rreġistrata fir-Renju Unit, kif ukoll is-sussidjarja Maltija tagħha, Stanleybet Malta Ltd, huma attivi fl-Italja fil-qasam tal-ġbir tal-imħatri, permezz ta' operaturi msemmija "ċentri ta' trażmissjoni tad-data" (iktar 'il quddiem iċ-"ĊTD"). Din l-attività ilha tiġi eżerċitata madwar ħmistax-il sena fl-Italja permezz tal-operaturi proprjetarji taċ-ĊTD fuq il-bażi ta' relazzjoni fil-forma kuntrattwali ta' mandat mingħajr il-pussess ta' liċenzja u mingħajr l-awtorizzazzjoni mill-pulizija.

11 Wara li verifika mwettqa fil-5 ta' Ġunju 2014 mill-pulizija doganali u finanzjarja (Guardia di Finanza) ta' Frosinone (l-Italja) fuq il-post ta' ĊTD mmexxija minn R. Laezza u affiljata ma' Stanleybet Malta Ltd, li wriet l-eżistenza, f'dan iċ-ċentru, ta' attività mhux awtorizzata ta' ġbir ta' mħatri, ġie elevat xi tagħmir informatiku użat għar-riċezzjoni u għat-trażmissjoni ta' dawn l-imħatri.

12 Permezz ta' deċiżjoni tal-10 ta' Ġunju 2014, l-imħallef istruttorju tat-Tribunale di Cassino (qorti ta' Cassino) ikkonferma din l-elevazzjoni u ordna l-qbid kawtelatorju tal-imsemmi tagħmir.

13 R. Laezza adixxiet lill-qorti tar-rinviju b'rikors għal annullament kontra din id-deċiżjoni. F'din it-talba, il-persuna interessata għamlet ukoll riferiment għar-rikors imressaq mill-kumpanniji tal-grupp Stanley, li magħhom iċ-ĊTD li hija tamministra hija affiljata, kontra s-sejħa għal offerti organizzata, fuq il-bażi tal-Artikolu 10(9g) u (9h) tad-digriet-liġi tal-2012, għal-liċenzji ta' logħob tal-ażżard fl-Italja, filwaqt li invokat in-natura diskriminatorja tagħhom.

14 Il-qorti tar-rinviju tosserva li l-Consiglio di Stato (kunsill tal-Istat) diġà għamel żewġ domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja b'mod partikolari fuq it-tul imnaqqas tal-liċenzji l-ġodda meta mqabbla ma' dawk preċedenti, fil-kawża li wasslet għas-sentenza Stanley International Betting u Stanleybet Malta (C-463/13, EU:C:2015:25), imma tqis li d-dritt tal-Unjoni ma jippreskludix dispożizzjoni nazzjonali li tiffissa dan it-tul.

15 Din il-qorti tfakkar madankollu li l-Artikolu 25 tal-abbozz ta' ftehim jipprevedi l-obbligu għall-konċessjonarju li jittrasferixxi, mingħajr ħlas, fit-trasferiment tal-attività minħabba l-iskadenza tal-liċenzja jew b'effett ta' deċiżjonijiet ta' dekadenza jew ta' revoka, l-użu tal-beni materjali u immaterjali miżmuma taħt titolu ta' proprjetà u li jikkostitwixxu n-netwerk ta' ġestjoni u ta' ġbir tal-imħatri.

16 Issa, skont din il-qorti, jekk l-eżistenza ta' dispożizzjoni bħal din, li hija mingħajr preċedent leġiżlattiv fl-Italja, tista' eventwalment tiġi ġġustifikata f'loġika ta' sanzjoni, fil-każ fejn it-tmiem tal-attività tirriżulta minn deċiżjoni ta' dekadenza jew ta' revoka tal-liċenzja, hija tidher partikolarment żvantaġġuża meta t-trasferiment iseħħ unikament minħabba l-iskadenza tal-perijodu tal-liċenzja. Ma' dan jiżdied l-obbligu tal-konċessjonarju li jbati l-ispejjeż kollha ta' dan it-trasferiment mingħajr ħlas.

17 Il-qorti tar-rinviju tiddubita kemm din id-differenza fit-trattament bejn il-konċessjonarji preċedenti u dawk ġodda tista' tiġi ġġustifikata minn eżiġenza imperattiva ta' interess pubbliku.

18 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunale di Frosinone (qorti ta' Frosinone) iddeċieda li jissospendi l-proċedura u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikoli 49 *et seq* u 56 *et seq* tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kif b'mod partikolari ġew ikkompletati fid-dawl tal-prinċipji li jinsabu fis-sentenza mogħtija fis-16 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Ġustizzja (Kawżi magħquda C-72/10 u C-77/10, EU:C:2012:80), għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali li tipprevedi l-obbligu li jiġi ttrasferit mingħajr ħlas l-użu tal-beni materjali u immaterjali miżmuma taħt titolu ta' proprjetà li jikkostitwixxu n-netwerk ta' ġestjoni tal-ġbir tal-logħob [imħatri] fil-każ tal-waqfien tal-attività minħabba l-iskadenza tal-perijodu tal-liċenzja jew minħabba deċiżjonijiet ta' dekadenza jew ta' revoka?"

## Fuq id-domanda preliminari

19 Bid-domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tfittex sostanzjalment li ssir taf jekk l-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li timponi fuq il-konċessjonarju li jittrasferixxi bla ħlas, fit-tmiem tal-attività minħabba l-iskadenza tal-perijodu tal-liċenzja jew b'effett ta' deċiżjonijiet ta' dekadenza jew ta' revoka, l-użu ta' beni materjali u immaterjali miżmuma taħt titolu ta' proprjetà u li jikkostitwixxu n-netwerk ta' ġestjoni u ta' ġbir tal-imħatri.

20 Preliminarjament, għandu jiġu enfasizzat, hekk kif irrileva, sostanzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punti 27 u 28 tal-konklużjonijiet tiegħu, li din il-kawża tirrigwarda unikament il-kompatibbiltà mal-dritt tal-Unjoni tal-Artikolu 25 tal-abbozz ta' ftehim u ma għandhiex tiġi analizzata bħala li tqiegħed inkwistjoni, fil-globalità tagħha, is-sistema l-ġdida tal-liċenzji stabbilita fl-Italja matul is-sena 2012 fis-settur tal-logħob tal-ażżard.

### *Fuq l-eżistenza ta' restrizzjoni tal-libertajiet iggarantiti mill-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE*

21 Fl-ewwel lok, għandhom jitqiesu li huma restrizzjonijiet għal-libertà ta' stabbiliment u/jew għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi dawk il-miżuri kollha li jipprojbixxu, jostakolaw jew jagħmlu inqas attraenti l-eżerċizzju tal-libertajiet iggarantiti mill-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE (sentenza Stanley International Betting u Stanleybet Malta, C-463/13, EU:C:2015:25, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

22 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tissuġġetta l-eżerċizzjoni ta' attività ekonomika għall-kisba ta' liċenzja u tipprevedi diversi ipoteżijiet ta' dekadenza tal-liċenzja tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertajiet hekk iggarantiti mill-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE (sentenza Stanley International Betting u Stanleybet Malta, C-463/13, EU:C:2015:25, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 F'dan il-każ, hekk kif irrileva, sostanzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punti 62 u 63 tal-konklużjonijiet tiegħu, dispożizzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li timponi fuq il-konċessjonarju li jittrasferixxi bla ħlas, fit-tmiem tal-attività, inkluża l-ipoteżi li fiha dan it-tmiem iseħħ unikament minħabba l-iskadenza tal-perijodu tal-liċenzja, l-użu tat-tagħmir użat għall-ġbir tal-imħatri jista' jirrendi inqas attraenti l-eżerċizzju ta' din l-attività. Fil-fatt, ir-riskju għal impriża li jkollha tittrasferixxi, mingħajr korrispettiv finanzjarju, l-użu tal-beni fil-pussess tagħha jista' jżommha milli tikseb qliegħ mill-investiment tagħha.

24 Hemm għaldaqstant lok li jiġi kkonstatat li d-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertajiet iggarantiti mill-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE.

*Fuq in-natura allegatament diskriminatorja tar-restrizzjonijiet għal-libertajiet iggarantiti mill-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE*

25 Fit-tieni lok, għandu jiġi ppreċiżat li, għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja diġà identifikat ċertu numru ta' raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali li jistgħu jiġu invokati sabiex jiġġustifikaw restrizzjoni għal-libertajiet iggarantiti mill-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE, dawn l-għanijiet ma jistgħu jiġu invokati sabiex jiġġustifikaw restrizzjonijiet applikati b'mod diskriminatorju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Blanco u Fabretti, C-344/13 u C-367/13, EU:C:2014:2311, punt 37).

26 Fil-fatt, jekk id-dispożizzjoni restrittiva inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienet diskriminatorja, hija ma setgħetx tiġi ġġustifikata b'raġunijiet ta' ordni pubbliku, ta' sigurtà pubblika u ta' saħħa pubblika, previsti fl-Artikoli 51 TFUE u 52 TFUE, li fosthom ma jidhru la l-ġlieda kontra l-kriminalità marbuta mal-logħob tal-ażżard u lanqas il-kontinwità tal- attività legali tal-ġbir tal-imħatri, invokata f'dan il-każ (ara, b'analoġija, is-sentenza Servizi Ausiliari Dottori Commercialisti, C-451/03, EU:C:2006:208, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 F'dan ir-rigward, R. Laezza ssostni li d-dispożizzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija diskriminatorja għaliex hija tistabbilixxi differenza fit-trattament bejn, minn naħa, l-operaturi li kisbu liċenzja taħt is-sejħa għal offerti organizzata fuq il-bażi tal-Artikolu 10(9g) u (9h) tad-digriet-liġi tal-2012 u, min-naħa l-oħra, l-opertauri li kisbu liċenzja taħt sejħiet għal offerti preċedenti, peress li dawn l-aħħar operaturi setgħu jibbenefikaw, qabel ma kienu suġġetti għall-obbligu eventwali ta' trasferiment bla ħlas tal-użu tal-beni użati għall-attività ta' ġbir tal-imħatri fl-iskadenza tal-liċenzja, minn perijodu itwal sabiex jammortizzaw dawn il-beni.

28 Madankollu, hekk kif irrileva, sostanzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punti 66 u 67 tal-konklużjonijiet tiegħu, mill-elementi sottomessi għall-Qorti tal-Ġustizzja jidher li joħroġ li d-dispożizzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tapplika bla distinzjoni għall-operaturi kollha li pparteċipaw fis-sejħa għal offerti magħmula matul is-sena 2012 fuq il-bażi tal-Artikolu 10(9g) u (9h) tad-digriet-liġi tal-2012, u dan ikun xi jkun il-post ta' stabbiliment tagħhom.

29 B'hekk, iċ-ċirkustanza li l-awtoritajiet Taljani ddeċidew li jibdlu, f'mument partikolari, il-kundizzjonijiet li fihom l-operaturi kollha jeffettwaw l-attività tagħhom ta' ġbir ta' mħatri fit-territorju Taljan ma jidhirx li huwa rilevanti għall-evalwazzjoni tan-natura eventwalment diskriminatorja tad-dispożizzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

30 Hija l-qorti tar-rinviju li madankollu għandha tevalwa, wara analiżi globali taċ-ċirkustanzi marbuta mal-proċedura l-ġdida tas-sejħa għal offerti, jekk din id-dispożizzjoni għandhiex natura diskriminatorja.

*Fuq il-ġustifikazzjoni tar-restrizzjoni għal-libertajiet iggarantiti mill-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE*

31 Fit-tielet lok, għandu jiġi evalwat jekk ir-restrizzjoni għal-libertajiet iggarantiti mill-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE, li tinsab fid-dispożizzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tistax tiġi ammessa fost il-miżuri derogatorji, għal raġunijiet ta' ordni pubbliku, ta' sigurtà pubblika u ta' saħħa pubblika, espressament prevista fl-Artikoli 51 TFUE u 52 TFUE, applikabbli wkoll fil-qasam tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi bis-saħħa tal-Artikolu 62 TFUE, jew, fil-każ li l-qorti tar-rinviju tikkonstata li din id-dispożizzjoni hija applikata b'mod nondiskriminatorju, iġġustifikata b'raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Digibet u Albers, C-156/13, EU:C:2014:1756, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata) bħal ma hija l-protezzjoni tal-konsumaturi u l-prevenzjoni tal-frodi u l-inċitament taċ-ċittadini għal infiq eċċessiv marbut mal-logħob (sentenza HIT u HIT LARIX, C-176/11, EU:C:2012:454, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 F'dan ir-rigward, fil-każ tal-leġiżlazzjoni Taljana tal-logħob tal-ażżard, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkonstatat li l-għan li jikkonċerna l-ġlieda kontra l-kriminalità marbuta mal-logħob tal-ażżard huwa ta' natura li jiġġustifika r-restrizzjonijiet għal-libertajiet fundamentali li jirriżultaw minn din il-leġiżlazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Biasci *et*, C-660/11 u C-8/12, EU:C:2013:550, punt 23).

33 F'dan il-każ, il-gvern Taljan isostni li d-dispożizzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija ġġustifikata, fil-kuntest tal-għan tal-ġlieda kontra l-kriminalità marbuta mal-logħob, mill-interess li tiġi żgurata l-kontinwità tal-attività legali ta' ġbir ta' mħatri sabiex jitrażżan l-iżvilupp ta' attività illegali parallela.

34 Għan bħal dan huwa ta' natura li jikkostitwixxi raġuni imperattiva ta' interess ġenerali li tista' tiġġustifika restrizzjoni għal-libertajiet fundamentali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

35 L-identifikazzjoni tal-għanijiet effettivament imfittxija mill-imsemmija dispożizzjoni, f'kull każ, taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-qorti tar-rinviju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Pfleger *et*, C-390/12, EU:C:2014:281, punt 47).

*Fuq il-proporzjonalità tar-restrizzjoni għal-libertajiet iggarantiti mill-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE*

36 Fir-raba' lok, għandu jiġi eżaminat jekk ir-restrizzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tistax tiggarantixxi t-twettiq tal-għan imfittex u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan il-għan, peress li leġiżlazzjoni nazzjonali restrittiva bħal din tissodisfa din il-kundizzjoni biss jekk hija tirrispondi verosimilment għax-xewqa li jintlaħaq b'mod koerenti u sistematiku (ara, f'dan is-sens, is-sentenza HIT u HIT LARIX, C-176/11, EU:C:2012:454, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

37 F'dan ir-rigward, hemm lok li jitfakkar li hija l-qorti tar-rinviju, hija u tieħu inkunsiderazzjoni l-indikazzjonijiet mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja, li għandha tivverifika, fl-evalwazzjoni globali taċ-ċirkustanzi marbuta mal-għoti tal-liċenzji l-ġodda, jekk ir-restrizzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tissodisfax il-kundizzjonijiet li jirriżultaw mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dak li jirrigwarda l-proporzjonalità tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Digibet u Albers, C-156/13, EU:C:2014:1756, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 Fir-rigward tal-kwistjoni li jsir magħruf jekk ir-restrizzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tiggarantixxix it-twettiq tal-għan imfittex, il-qorti tar-rinviju għandha teżamina, b'mod partikolari, hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 91 sa 93 tal-konklużjonijiet tiegħu, jekk it-trasferiment bla ħlas lill-ADM jew lil konċessjonarju ieħor tal-użu tal-beni materjali u immaterjali li jikkostitwixxu

n-netwerk ta’ ġestjoni tal-ġbir tal-imħatri ma huwiex impost b’mod sistematiku imma jseħħ biss “fuq talba espressa tal-ADM” hijiex ta’ natura li taffettwa jew le l-kapaċità tad-dispożizzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali li tilħaq l-għan imfittex.

39 F’dak li jirrigwarda l-kwistjoni li jsir magħruf jekk din id-dispożizzjoni tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan, ma għandux jiġi eskluż li, fl-ipoteżi tad-dekadenza jew tar-revoka, bħala sanzjoni, tal-kuntratt ta’ liċenzja kkonċernat, it-trasferiment bla ħlas lill-ADM jew lil konċessjonarju ieħor tal-użu tal-beni materjali u immaterjali li jikkostitwixxu n-netwerk ta’ ġestjoni u ta’ ġbir tal-imħatri huwa ta’ natura proporzjonata.

40 Min-naħa l-oħra, dan ma jkunx neċessarjament il-każ, hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 88 tal-konklużjonijiet tiegħu, meta t-tmiem tal-attività sseħħ unikament minħabba l-iskadenza tal-liċenzja.

41 Fil-fatt, fl-ipoteżi fejn il-kuntratt ta’ liċenzja, konkluż għal perijodu ħafna iqsar minn dak tal-kuntratti konklużi qabel l-adozzjoni tad-digriet-liġi tal-2012, jasal fl-iskadenza naturali tiegħu, in-natura bla ħlas ta’ dan it-trasferiment forzat jidher li jmur kontra r-rekwiżit ta’ proporzjonalità, b’mod partikolari meta l-għan ta’ kontinwità tal-attività awtorizzata ta’ ġbir tal-imħatri seta’ jintlaħaq permezz ta’ miżuri inqas restrittivi, bħat-trasferiment forzat, imma bi ħlas bil-prezz tas-suq, tal-beni kkonċernati.

42 Hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 96 u 97 tal-konklużjonijiet tiegħu, ser tkun il-qorti tar-rinviju, fil-kuntest tal-eżami tal-proporzjonalità tad-dispożizzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tieħu wkoll inkunsiderazzjoni l-valur tas-suq tal-beni li huma s-suġġett tat-trasferiment forzat.

43 Għandu barra minn hekk jiġi enfasizzat il-preġudizzju għall-prinċipju ta’ ċertezza legali li n-nuqqas ta’ trasparenza tad-dispożizzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tista’ tikkawża. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni, li tipprevedi li t-trasferiment bla ħlas tal-użu tal-beni li jikkostitwixxu n-netwerk ta’ ġestjoni tal-ġbir tal-imħatri jseħħ biss “fuq talba espressa tal-ADM”, u mhux b’mod sistematiku, ma tippreċiżax il-kundizzjonijiet u l-modalitajiet li fihom din it-talba espressa għandha tiġi fformulata. Issa, il-kundizzjonijiet u l-modalitajiet ta’ sejħa għal offerti, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandhom jiġu fformulati b’mod ċar, preċiż u inekwivoku (ara, f’dan is-sens, is-sentenza Costa u Cifone, C-72/10 u C-77/10, EU:C:2012:80, punt 92 u d-dispożittiv).

44 Fid-dawl ta’ dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, hemm lok li tingħata risposta għad-domanda magħmula li l-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali restrittiva, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li timponi fuq il-konċessjonarju li jittrasferixxi bla ħlas, fit-tmiem tal-attività minħabba l-iskadenza tal-perijodu tal-liċenzja, l-użu tal-beni materjali u immaterjali miżmuma taħt titolu ta’ proprjetà u li jikkostitwixxu n-netwerk ta’ ġestjoni u ta’ ġbir tal-imħatri, sa fejn din ir-restrizzjoni tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju għat-twettiq tal-għan effettivament imfittex minn din id-dispożizzjoni, ħaġa li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.

**Fuq l-ispejjeż**

45 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta’ kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta’ u tiddeċiedi:

**L-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali restrittiva, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li timponi fuq il-konċessjonarju li jittrasferixxi bla ħlas, fit-tmiem tal-attività minħabba l-iskadenza tal-perijodu tal-liċenzja, l-użu**

**tal-beni materjali u immaterjali miżmuma taħt titolu ta' proprjetà u li jikkostitwixxu n-netwerk ta' ġestjoni u ta' ġbir tal-imħatri, sa fejn din ir-restrizzjoni tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju għat-twettiq tal-għan effettivament imfittex minn din id-dispożizzjoni, ħaġa li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika**

Firem